**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 55

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazetta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Illona Fenech | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:05:*

*55.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 54;*
*55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*55.5 Rapporti*
*55.6 Items Oħra ;*
*55.7 Performance Appraisal tal-istaff u SE, u Vacation Leave;*
*55.8 Ġnien Bonello Du Puis u Water Sculpture*
*55.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*55.11 Mozzjonijiet ;*
*55.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

**55.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

55.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri I.Fenech u P.Portelli talbu sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

**55.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 54**

55.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 54 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet li kienu waslu qabel il-laqgħa. *Approvazzjoni tal-Minuti 54*

**Il-kunsiullier J.Dougall wasal fis-6:10pm**

**55.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

55.3.1 Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet ta' triq il-Kbira se jibdew minn naħa ta' IM dalwaqt u t-TMP's ġew approvati. Qal illi għandom sitt xhur xogħol, jekk ma jkunx hemm problemi. Ġie propost illi xogħolijiet isiru bejn 7am u 7pm u kien hemm qbil fil-kumitat tat-traffiku ta' TM. *High street*

55.3.2 Is-Sindku informa li saret laqgħa mall-Bolt fejn attendew il-Viċi Sinkdu u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien miegħu, u ġew diskussi diversi problemi li jeżistu minħabba l-użu tal-escooters. Qal hemm rieda tajba mis-CEO tal-Bolt sabiex insibu soluzzjoni u ressaq proposta biex il-Kunsill jagħti designated areas fejn jipparkjaw dawn *Laqgħa ma' Bolt*

l-iscooters. Din tfisser illi jekk wieħed jipparkja barra dawn id-designated areas, ikollu jkompli jħallas sakemm isib wieħed.
Waqt dawn id-diskussjonijiet kien hemm proposta sabiex nibdew biż-żona ta' QSS u sabiex jintużaw fejn hemm double yellow lines faċċata ta' garaxxijiet.
Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa ġew diskussi affarijiet oħra wkoll per eżempju l-użu ta' dawn l-iscooters minn tfal taħt l-eta u dawk illi jsuċu kontra l-flow tat-traffiku. Bolt qalu li qegħdin jaraw kif dawn għandom jiġu kkontrollati.

**Il-kunsillier K.Wain wasal għall-ħabta ta' 18:35**

55.3.3 Is-Sindku informa li mart Enzo Guzman għanda tkun preżenti għall-inawgurazzjoni tal-bust tiegħu fejn ġie informat meta għanda ssir. Qal illi jixtieq illi tiġi organizzata attivita. Il-kunsillier D.Muscat, u l-Viċi Sindku offrew l-għajnuna. *Bust: Enzo Gusman*

55.3.4 Is-Sindku informa li l-bins qegħdin jitbatlu kuljum *Bins*

## 55.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

55.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsijiet qabel il-laqgħa

## 55.5 RAPPORTI

55.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għad-diskussjoni.

**Il-kunsillier P.Radmilli wasal fis-18:40**

## 55.6 ITEMS OĦRA

55.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi nħareġ permess biex tinbena hotel ġewwa triq Moroni u qed jitlob il-pożizzjoni tal-Kunsill.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-Kunsill ma jappellax peress illi tiġi f'żona 'mixed use' u peress illi tidher illi l-permess xorta se tinħareġ u l-kontijiet għall-appell huma għoljin għal każ fejn ma tidhirx illi l-Kunsill se jikseb suċċess fl-appell.

55.6.2 Is-Sindku informa li TM qegħdin jibagħtu sabiex isir laqgħa dwar applikazzjonijiet ta' imwejjed u siġġijiet ġewwa triq Rudolfu u triq Amery. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-każ ta' triq Rudolfu t-TM kienu oġġezzjonaw u semmew il-punti għalfejn. Ftit ġimgħat wara bagħtu No Objection u l-permess ħareġ. Il-Kunsill appella u ħarriekna lit-TM, fejn talli uffiċjali irrifjutaw li jixhdu.

Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ma ssirx laqgħat f'nofs stadju ta' appell. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi malli ssir waħda fil-qalbha tal-lokalita, ħadd ma jista jwaqqaf applikazzjonijiet oħra.

55.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi hemm kuntratt mad-DPF dwar ix-xogħolijiet ta' High str., fejn il-Kunsill applika sabiex isir il-bankina u ħadna €68,000. Talab l-approvazzjoni li dawn il-fondi jintużaw xorta avolja x-xogħolijiet qegħdin isiru minn naħa ta' IM. Qal illi ħallasna spejjez tal-Perit, waqt illi ħadem ħafna sabiex nieħdu dawn il-fondi u ma jixtieqx illi l-IM biss jieħdu l-mertu. Żied illi ma jaqbilx personalment illi jintużaw għal proġett ieħor għax tfisser illi din tiġi ikkanċellata u għanda toħroġ kuntratt ġdid li taf idum xhur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi IM kien għamluha ċara illi se jieħdu ħsieb il-proġett kollu huma u jekk għanda ssir din it-talba hemm bzonn inkunu konxji wkoll għall-possibilita li jkun hemm diffikultajiet minħabba accounting.

Wara diskussjoni kien hemm qbil illi inressqu talba għal laqgħa ma min jieħdu ħsieb id-DPF sabiex isir l-aħjar soluzzjoni.

55.6.4 Il-kunsillier P.Radmilli irrefera għall-fond tal-aġġustament fejn hemm bzonn tittieħed deċiżjoni tal-Kunsill dwar kif se jintużaw dawn l-€20,000. Is-Sindku ppropona xiri ta' apparat għall-ħasil. Kien hemm qbil unanimu mall-proposta.

55.6.5 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi hemm €52,000 fondi mill-SPI għal Ġnien Bonello Du Puis illi kellom jintefqu diġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif se jiġi diskuss izjed tard fl-Aġenda, saret laqgħa sitt ijiem qabel il-laqgħa mall-Perita sabiex kulħadd ikun informat bl-iżviluppi u l-Kunsill kien diġa tkellem illi proġett għanda ssir sħiħ u mhux parti minnha biss. Qal illi din l-informazzjoni wasslet għand id-Dipartiment, flimkien ma' dak dwar il-vettura u barra Teatru Salesjani. Ammetta li ma użax il-Progress Report illi kienu bagħtu izda kien hemm dewmien fuq kull proġett minħabba ċirkostanzi differenti fejn l-iżviluppi kulla saru fl-aħħar tas-sena.

Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa illi almenu kull żvilupp zgħir ninformawhom.

55.6.6 Is-Sindku qal illi ħadna fondi sabiex isiru l-bankini/survey izda qatt ma ra survey mingħand il-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt illi ma jiftakarx min kien attenda għal-laqgħat illi saru għax ilhom ftit li saru issa, surveys kienu saru għall-ewwel u għat-tieni żoni. Se ssir laqgħa mall-Perit tal-proġett.

55.6.7 Is-Sindku qal illi ma kien hemm l-ebda update dwar l-iskema tal-ispikes. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ta informazzjoni f'laqgħa preċedenti fejn kien hemm problema bil-vents u dawn kellom isiru mill-ġdid. Il-maġġor parti tal-ispikes saru izda waqqafna fl-aħħar toroq illi hemm bzonn uffiċjal biex tingħalaq sabiex isiru magħhom il-vents. Qal illi kien ġie spjegat fil-passat illi meta bdejna, indunajna illi ma stajniex naħdmu bit-ticket number għalhiex loġistikament kienet se toħloq izjed problemi u dewmien, waqt illi l-vents qatt ma intalbu li jkunu sizes differenti u l-kuntrattur inqabad bix-xogħol u kien għaraf lill-kunsill illi se jkun hemm dewmien. Dwar il-lista ta' dawk illi saru dik hija l-Kunsill Lokali.

55.6.8 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi tippretendi li tirċeivi izjed rispett mill-kollegi madwar il-mejda għalhiex wasslet għanda diversi kliem illi qed isir nuqqas ta' rispett fil-konfront tagħha. Is-Sindku qal illi sfortunatament hawn min jipprova jagħmel ħsara u m'għandix temmen dak kollu li tisma.

55.6.9 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi se ssir Buffet Breakfast nhar il-15 ta' Frar flimkien mall-membri tad-Day Centre.

55.6.10 Il-kunsillier E.Borg qal hemm bzonn dawl maz-zebra crossing ta' Savoy. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat intqal illi ġara ħsara meta saret it-triq snin ilu.

55.6.11 Il-kunsillier D.Muscat informa li Ġieħ Tas-Sliema se ssir fl-20 ta' Ottubru 2023. Qal jixtieq nibdew bi preparamenti minn kmieni.

55.6.12 Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm dawl mitfi fil-Car Park tax-Xatt. Is-Sindku qal illi mixgħul issa.

55.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslet talba biex impjegata tal-Kunsill tibda taħdem bi reduced hours. Il-Kunsill qabel illi nara kif imorru l-affarijiet bi trial ta' tlett darbiet fil-ġimgħa sal-laqgħa li jmiss.
Kien hemm diskussjoni wkoll sabiex ikun hemm persuna oħra biex tgħin bit-telefonati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal jixtieq ikun ċar illi l-problema tat-telefonati, fil-moġġor parti ġejja għall-fatt illi jkun hemm min idum jitkellem fuq it-telefon, jew inkella għalhiex ikun hemm walk-ins illi jiġbdu l-attenzjoni tal-istaff. Kien hemm kunsilliera li jkunu preżenti spiss illi jixhdu għal dan il-fatt. Kien hemm diskussjoni sabiex persuna tkun hemm biex tgħin bit-telefonati waqt illi tkun tista tgħin b'xogħol marbut bl-applikazzjonijiet meta jkun hemm bzonn.

55.6.14 Il-Viċi Sindku qal illi ġabar 4 boards tad-DPF għan-niċċeċ. Kien hemm diskussjoni biex isir laqgħa mall-PA peress illi mhux vijabbli li dawn il-boards jitwaħħlu mall-faċċata tan-nies f'każ illi x-xogħolijiet isiru ġewwa l-maħzen tal-kuntrattur.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla.**

55.6.15 Il-Viċi Sindku qal illi hemm periklui ġewwa triq Camenzuli fejn qed iċċedi l-ħajt ta' post privat. Is-Sindku qal illi sfortunatament hemm diversi postijiet fejn hemm periklu u m'hemm l-ebda direttiva dwar min għandu jieħu ħsieb. Fil-każ ta' triq Camenzuli s-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħatet emajl lil min kien il-kuntatt li kellna sentejn ilu meta kien hemm problema simili fl-istess sit.

55.6.16 Il-Viċi Sindku ura l-logo għall-bnadar ta' Sliema Wanderers u t-talba għall-għajnuna hi għal €500 biex isiru 2 bnadar kbar u 68 żgħar.

55.6.17 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemm ħsieb illi jsiru s-Slaleb għall-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku qal illi l-problema hi li m'ehmm ħadd li ta għajnuna u ma tantx qegħdin joħorġu flus il-ħwienet.

55.6.18 Il-Viċi Sindku ppropona li ssir banda għall-karnival. Il-Kunsill ma qabilx mall-proposta.

55.6.19 Is-Sindku qal hemm qasis illi qed jgħid kellu jitħallas €15 peress illi mar għal quddies snin ilu wara talba tal-Kunsill, izda l-quddiesa qatt ma saret. Is-Segretarju Eżekuttiv qal jista jsir il-ħlas meta jippreżenta invoice.

55.6.20 Is-Sindku qal illi PAMA lesti joffru sponsor ta' €8000 minflok €6000 għal Council Cab u ppropona li nużaw il-flus biex nikru garaxx għalija. Kien hemm qbil.

55.6.21 Is-Sindku qal illi hemm ħafna proġetti li għandom isiru u talab l-assistenza tal-kunsilliera. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi diġa hemm il-Funds Committee u kien hemm qbil illi għanda ssir laqgħa tal-kumitat.

55.6.22 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħerġin 2 tenders din il-ġimga: 1 dwar il-Perit tal-Proġett ta' Norway Grants u t-tieni għall-Contracts Manager. L-evalwaturi se jkunu:

Perit: Paul Radmilli, Anthony Galea u Wallace Vella Baldacchino
Contracts Manager: Viċi Sindku, David Soler u David Muscat

55.6.23 Is-Sindku ressaq talba f'isem il-kunsillier I.Fenech sabiex noffru għal darb'oħra klassi ta' Self Defence. Il-Kunsill qabel. Il-kunsill jissosidja l-ispiża tas-sala.

**55.7**

**PERFORMANCE APPRAISAL TAL-ISTAFF U TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U VACATION LEAVE**

55.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba għall-approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-istaff fejn qal illi kollha kemm huma jagħtu l-input tagħhom u qegħdin jiġu informati b'affarijiet zgħar illi għandom jintejbu. Issuġerixxa li kollha kemm huma jieħdu l-full performance bonus. Il-Kunsill E.Borg ippropona li jittieħdu 6% u l-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

55.7.2 Is-Sindku ta l-appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġibed l-attenzjoni li hemm bzonn inkunu konxji għad-deadlines ta' ċerti fondi [kif intqal izjed kmieni fil-laqgħa] izda qal dejjem jipprova jgħin u jsib l-assistenza tiegħu. Issuġerixxa li jingħata l-full Performance Bonus. Il-kunsillier E.Borg ippropona li jingħata l-full Performance Bonus. Il-kunsillie D.Soler issekondaħ.

55.7.3 Is-Segretarju Eżekkutiv informa li m'għandux quddiemu s-sigħat tal-leave tal-impjegati kollha u avolja hemm ideja dwar kemm għad baqa għal min ma użax il-leave kollu, talab illi din tiġi approvata fil-laqgħa li jmiss.

**55.9**

**ĠNIEN BONELLO DU PUIS U WATER SCULPTURE**

55.9.1 B'referenza għal laqgħa li saret mall-Perita tal-proġett ta' Ġnien Bonello Du Puis, kien hemm qbil bil-proposta tagħha. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għad baqa €248,000 mid-DPF u kien hemm qbil sabiex dawn jintużaw. Kien hemm qbil ukoll illi jintużaw €200,000 illi kienu għal Car Park. Il-bqija tal-fondi se jintużaw kif kien hemm qbil fuqhom f'laqgħat preċedenti.

55.9.2 B'referenza għal Water Sculpture s-Sindku kkonferma li ħadna €64,000 mill-fondi tal-LESA izda l-proġett se tiġi tiswa madwar €120,000. Kien hemm qbil illi dawn jintużaw mill-fondi tal-Kunsill li kienu fil-kont l-antik tad-dħul mingħand il-LESA.

55.9.3 Dwar dawn il-proġetti kien hemm qbil illi ssir promozzjoni tagħhom fuq il-mezzi soċjali izda ma jsirux banners.

55.9.4 Is-Sindku talab illi fl-Aġenda li jmiss jiġi diskuss il-Car Park.

**55.10** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

55.10.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti ta' kumitati.

**Il-kunsillier K.Wain telaq fl-22:20**

**55.11** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

55.11.1 Il-kunsillier D. Muscat ippropona li l-iskeda tiġi approvata. Il-kunsillier A. Debono issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu illi l-iskeda tiġi approvata ħlief l-ispejjez dovuti lil ARMS dwar il-kontijiet li l-Kunsill qed joġġezzjona.

**55.12** **MOZZJONIJIET**

55.12.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**55.13** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

55.13.1 Is-Seduta ntemmet fl-22:35. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2023.

Minuti approvati llum 20 ta' Frar 2023

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |